MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Numru. 439/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**
**KONTRA**

**PAUL BONELLO**
**JOHN BUGEJA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Paul Bonello ta' 35 sena, bin Louis u Rita nee' Borg, mwieled Pieta' nhar il- 25 ta' Gunju 1975, residenti f' 113E, Triq San Nikola, Valletta, u detentur tal- Karta tal-Identita' bin- numru 325475M;

U

John Bugeja ta' 50 sena, bin Oscar u Doris nee' Mizzi, mwieled Pieta' nhar il- 21 ta' Awwissu 1960, residenti f' Thanks God, Triq tal- Labour, Zabbar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 571960M;

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli f' dawn il- Gzejjer, nhar id- 19 ta' Novembru 2009 approprjaw ruhhom billi dawwru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' prodotti tal- friza ghall valur ta' madwar €350 ghad-dannu ta' Alf. Mizzi & Sons Marketing Group, liema oggetti gew fdati lilhom minhabba l- professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhom jew minhabba depozitu necessarju;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali, li permezz taghha hu ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza titmexxa b'mod sommarju minn din il-Qorti;

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li din il-Qorti tisma' l-kawza taghhom bi procedura sommarja, u ghalhekk din il-Qorti giet hekk ikkonvertita ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissiethom bl-aktar

mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati irregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, u ghaldaqstant dawn jirrisultaw soddisfacentement ippruvati ghall-Qorti, minghajr il-htiega li jinstemghu l-provi kollha.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

Ghall-habta ta' Novembru 2009, meta l-imputati kienu jahdmu mas-socjeta' Alf Mizzi & Sons bhala "delivery men", huma kienu hadu b'mod illecitu xi prodotti tas-socjeta' u bieghuhom lil terzi, biex b'hekk huma dawru fi profitt ghalihom prodotti ta' Mizzi. Huma kienu ammettew mal-ewwel u kienu tkeccew mill-impieg mal-kumpanija, u kienu rritornaw il-valur fi flus tal-oggetti li huma hadu. Di fatti l-Qorti giet infurmata li Mizzi kienu thallsu ghas-saldu ftit wara li sehh l-incident. In vista ta' dawn il-fatti, il-Qorti ma tarax li ghandha tapplika piena li tirrestringi l-liberta' tel-persuna, izda ghandha tapplika sanzjoni fil-komunita'.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 293, 294 u 310 (1) (b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahom bil- kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------